MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2006

Talba Numru. 932/2003

**Balzan Joseph**

**Vs**

**Scicluna Carmen, Scicluna Jonathan u b'digriet tas-16 ta' Settembru 2004 isem il-konvenut minn "Carmen" gie jaqra "Carmel"**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Mejju 2003 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuti ihallsu is-somma ta' Lm393.35 (tlett mija tlieta u disghin Lira Maltin u hamsa u tletin centezmu) dovuti ghal danni ikkagunati f'incident stradali li sehh nhar is-27 ta' Jannar 2002 gewwa Zebbug.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Thallas lill-attur is-somma ta' tlett mija tlieta u disghin lira u hamsa u tletin centezmu rapprezentanti danni u hsarat

sofferti mill-attur fil-vettura Toyota Corolla numru FAB 497, liema danni gew kagunati permezz ta’ incident awtomobilistiku, liema incident sehh unikament tort tieghek minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti tat-traffiku fis-27 ta’ Jannar 2002 fi Triq Mikelang Sapiano Zebbug, meta bil-vettura tieghek Maruti gypsy numru EAA 243 hrigt minn side street (Triq San Martin) ghal gol-main road (Triq Mikelang Sapiano).

Bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Il-konvenuti jopponu t-talbiet attrici, u din, fost l-ohrajn ghas-segwenti:

1. Il-konvenuta Carmen Scicluna ma ghandha x’taqsam xejn mal-kaz u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Il-konvenut Jonathan Scicluna ma kienx negligenti u l-incident gara unikament tort tal-attur .
3. Id-danni huma kontestati.
4. It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kawza tikkoncerna kollizjoni li grat kif inhu indikat fl-iskizz a fol 19 tal-process f’inkrocju minn erba’ nahat.

Illi l-attur xehed fis-seduta tas-17 ta’ Frar 2004 u “ex admissis” kien qed jaghmel sorpass ta’ vettura ohra fuq ix-xellug tieghu. Kien ghaddej mhux hazin in vista li kien ghaddej biex jaghmel manuvra ta’ sorpass. Minn faccata tieghu ma kienux gejjin vetturi pero` ma tax kaz vettura li kienet hierga minn fuq il-lemin tieghu. Hekk kif ra din il-vettura ghafas il-brejk pero` ma rnexxilux jevita l-kollizzjoni.

Il-konvenut xehed fis-seduta tat-22 ta’ Marzu 2006. Ried jisporgja minn Triq San Martin biex jidhol ghal Triq

Mikelang Sapiano. Kellu vettura fuq in-naha tieghu u kien hemm vettura faccata. Kien hemm vettura ohra li ried jaghmel is-sorpass taghha l-istess attur. F` mument li saret il-habta huwa kien wieqa. Kif jallega hu, u limitament mhux kontestat mill-attur li sabiex l-attur jaghmel sorpass tal-vettura fuq ix-xellug tieghu kellu bil-fors jinvadi l-karregjata opposta ossia dik li ried jidhol fiha l-istess konvenut.

Jigi rilevat illi l-konvenut ma kienx miexi fid-direzzjoni opposta fl-istess triq li kien qed isuq l-istess l-attur cioe` Triq Mikelang Sapiano. Ried johrog minn Triq San Martin li tigi fuq ix-xellug bil-kuntrarju ta' l-attur.

Jigi ribadit li l-attur ghamel manuvra ta' sorpass f'post projbit mir-regolamenti tat-traffiku specjalment mill-Highway Code fejn dan jipprojbixxi li tali sorpassi m'ghandhomx isiru f'inkrocji, f'T-Junctions u fejn triq toghla jew tinzel skond l-gholi taghha li jkun hemm. Mhux hekk biss, illi l-istess attur kellu jmur "wrong way" biex jaghmel din il-manuvra ta' dorpass.

Din il-manuvra kif jigi enuncjat diversi drabi minn dan it-Tribunal hija manuvra eccezzjonali u inuzwali stante illi l-manuvra tas-sorpass tintuza mhux fis-sewqan normali tat-traffiku aktar u aktar meta biex issir din il-manuvra trid tmur f'karregjata opposta.

Illi l-attur halla brejk mark ta' dsatax-il metru fit-triq u stqar li huwa ghafas il-brejk kif ra l-vettura konvenuta tisporgi l-barra. Pero` ghalkemm ghafas dan il-brejk u tenut kont ta` t-"thinking distance" huwa ma rnexxilux iwaqqaf il-vettura tieghu u di fatti saret il-habta.

It-Tribunal huwa ta' l-opinjoni illi in vista li l-istess habta saret f'inkrocju, saret manuvra ta' sorpass, b'velocita` eccessiva saret fuq in-naha hazina tat-triq ta' l-istess attur u avolja indunaw bih ma rnexxilux iwaqqaf l-istess vettura huwa lampanti illi t-tort ta' l-istess kollizjoni huwa l-istess attur. Fil-konfront tal-konvenut it-Tribunal ma jirravizax la xi responsabbilta` u wisq anqas xi kontribuzzjoni ghas-sinistru.

Jiddeciedi ghalhekk illi fil-waqt li jilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez ghall-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------